**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2019

Rikors Nru : 45/17 AL

**A B**

*Vs*

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat kienu f'relazzjoni minn liema relazzjoni twieldu zewgt itfal, ossia E li ghandu erbatax-il sena, u F li ghandha tnax-il sena;

2. Illi l-intimat huwa assenti u ilu assenti ghal dawn l-ahhar disa` snin, fejn ma jikkontribwixxi ebda alimenti u ma hemm ebda forma ta' kommunikazzjoni;
3. Illi r-rikorrenti minbarra li m'ghandha ebda kuntatt mal-intimat m'ghandhiex informazzjoni ta' fejn tista` taghmel kuntatt mal-istess intimat;
4. Illi r-rikorrenti ghandha bzonn li tkun f'posizzjoni li tiehu d-decizzjonijiet important li ghandha tiehu fejn jidhlu t-tfal, *inter* alia decizzjonijiet dwar l-iskejjel tat-tfalo u safar tat-tfal, u konsegwentement tkunf'posizzjoni li tawtorizza hi wahedha tali decizzjonijiet;
5. Illi l-intimat mhux qieghed jaghti manteniment lir-rikorrenti;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F hija f'idejn ir-rikorrenti, u takkorda b'mod definittiv tali kura u kustodja lir-rikorrenti;
2. Tiddikjara u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghal bzonnijiet tat-tfal, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, naqas milli jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u għalhekk huwa kontumaċi;

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż l-affidavit tal-attriċi;

Rat illi permezz ta’ digriet mogħti fl-20 ta’ Frar 2019, il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta’ ulied il-partijiet, ossia il-minuri E D, imwieled fis-17 ta’ Settembru 2002 u l-minuri F D imwielda fis-26 ta’ Diċembru 2004, minn relazzjoni bejn il-partijiet u rikonoxxuti mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat iħallasha manteniment adegwat għall-minuri.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti :

1) Il-partijiet iltaqgħu ġo stabbiliment f’San Ġiljan fis-sajf tas-sena 2001. Huma bdew jiltaqgħu regolarment u daħlu f’relazzjoni.

2) Madwar sena wara, l-attriċi indunat li kienet tqila u wara tqala diffiċli, twieled il-minuri E.

3) Minħabba d-diffikolta` tat-tqala u l-ħlas, l-attriċi uriet ix-xewqa li ma jkollhomx iktar tfal, iżda dan ma kellux iseħħ għax ftit taż-żmien wara, il-partijiet kellhom wild ieħor: it-tifla F.

4) L-inkwiet bejn il-partijiet beda wara li kellhom it-tieni wild u dan għaliex ma bdewx ilaħħqu mal-ħajja. L-attriċi talbet lill-konvenut biex imur jaħdem iżda dan ma riedx u għalhekk huma kienu jiddependu għall-għixien tagħhom fuq il-ġenituri tal-attriċi.

5) Meta t-tifla għalqet sentejn, l-affarijiet bdew sejrin mill-ħażin għall-agħar. Bdew imorru n-nies iħabbtu d-dar u l-konvenut kien jgħidilha biex ma tiftaħx.

6) Jum minnhom f'Mejju 2007 marru jorqdu u x'ħin qamet ma sabitux hemm. Għall-bidu ħasbet li kien ħareġ kmieni iżda wara ftit tal-ħin bdiet iċċempillu u ma jirrispondihiex u dan ħassibha ħażin. Għaddiet ġimgħa u ma deherx u lanqas ċempel. L-attriċi bdiet tfittxu u ġiet infurmata li kien qiegħed jgħix fl-indirizz XXXX

7) Għalkemm ippruvat tagħmel kuntatt miegħu, huwa qatt ma kellimha.

8) Rabbiet lit-tfal weħidha u l-konvenut qatt m'għaddhielha manteniment.

9) Tixtieq illi jkollha kura u kustodja esklussiva tal-minuri peress li trid tieħu deċiżjonijiet importanti dwar l-iskejjel tat-tfal u s-safar tagħhom.

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi

jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment;”

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless , il-Qorti kienet qalet illi “la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli”.

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna illi “apparti l-ħsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta’ kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti ‘in subjecta materia’, li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f’dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u ‘de facto’ li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...”

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili .

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.”

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-intimat ma wera ebda interess illi jżomm il-kuntatt m'uliedu wara li spiċċa r-relazzjoni mar-rikorrenti u telaq mid-dar. Huwa nqata' minn ħajjithom b'mod definittiv, b'mod illi m'hemm l-ebda kuntatt bejn il-missier u l-ulied u lanqas biss jafu b'ċertezza fejn jgħix.

Min-naħa tagħha, l-attriċi weħidha ħadet ħsieb it-trobbija tal-minuri, bl-għajnuna finanzjarja tal-ġenituri tagħha.

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri E u F aħwa D esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, m'hemmx lok illi jkunu stabbiliti ħinijiet tal-aċċess favur l-intimat.

Dwar il-manteniment, ma nġiebet l-ebda prova. La ntqal x'inhi l-okkupazzjoni taż-żewġ ġenituri u wisq inqas inġiebet xi prova dwar l-introjtu tagħhom. Lanqas ma nġiebet l-inqas prova dwar il-bżonnijiet tal-minuri u jekk dawn għadhomx studenti jew ossia jaħdmu, in vista li preżentement E ser jagħlaq sbatax-il sena u b'hekk spiċċa l-edukazzjoni obbligatorja tiegħu, u F għandha erbatax-il sena.

Illi minkejja n-nuqqas totali ta' provi, l-obbligu tal-konvenut illi jħallas manteniment ċertament illi għadu viġenti għaliex tali obbligu huwa intrinsiku mal-fatt li persuna tkun ġenitur. Bla dubju illi d-deċiżjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward hija, u fin-nuqqas totali ta' provi ma tistax tkun mod ieħor, totalment arbitrarja u mhux immotivata. Il-Qorti, għaldaqstant, ser timxi ma' dak illi huwa medju u applikabbli fil-ġeneralita` tal-każi miġjuba quddiemha.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D imwieled lir-rikorrenti fis-17 ta' Settembru 2002 u tal-minuri F D imwielda lir-rikorrenti fis-26 ta' Diċembru 2004 qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommhom ir-rikorrenti A B detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 338778(M), b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni, ir-reliġjon, it-trobbija, is-safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

2. tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar, għal kull wieħed mill-minuri, liema somma tirrappreżenta kemm il-manteniment ordinarju dovut għal kull wild, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-missier versu l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri; Dan l-ammont jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm kull wieħed mill-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi xi wild tal-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-konvenut lill-attriċi sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jista' jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut u jitħallas direttament lill-attriċi. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children's allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat C D.